32003D0429

L 147/25 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 14.6.2003

# ID-DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL tad-19 ta' Mejju 2003 dwar l-aġġustament tal-perspettiv finanzjarju għat-tkabbir

(2003/429/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, dwar id-dixxiplina fil-baġit u t-titjib tal-proċedura tal-baġit ([1]), u b'mod partikolari il-punt 25 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ([2]),

Jaġixxu skond il-proċedura mfassla fil-ħames subparagrafu ta' l-Artikolu 272(9) tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Il-perspettiv finanzjarju għall-Unjoni Ewropea (bi 15-il membru) ftiehmu dwar il-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, għandu jiġi aġġustat sabiex jikkunsidra s-sitwazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea mkabbra għall-25 membru fil-perjodu bejn l-2004 sa l-2006, bil-prezzijiet ta' l-1999.

(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2002 approva ir-riżultati tan-negozjati, li ddeterminaw il-ħtiġijiet tan-nefqa, li jirriżultaw mill-adeżjoni ta' 10 Stati Membri ġodda fl-2004.

(3) B'mod mill-aktar ċar, tenna illi l-assistenza finanzjarja ta' qabel is-sħubija għat-Turkija tkun iffinanzjata taħt "titolu ta' qabel is-sħubija" mill-2004.

(4) Il-konsegwenzi tal-perspettiv finanzjarju għall-istabbilizzar politiku f'Ċipru matul il-qafas finanzjarju kurrenti, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.

(5) In konformita mat-tieni subparagrafu tal-punt 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999, il-bidliet fit-titolu konċernati minn dan l-aġġustament m'għandhomx jaqbżu l-ammonti murija fil-qafas finanzjarju indikattiv, li jinsab fl-Anness II ta' dak il-Ftehim,

([1]) ĠU C 172, 18.6.99, p. 1.
([2]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċċjali.
([3]) Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' April 2003 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' April 2003.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Matul il-perjodu 2004 sa l-2006, il-limiti ta’ kull sena għall-approprijazzjonijiet dwar impenji tat-titoli 1, 2, 3 u 5 tal-perspettiv finanzjarju li jinsab fl-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta’ Mejju 1999, għandu jitla’ mill-ħtiġijiet tan-nefqa korrispondenti, li tirriżulta mill-adeżjoni ta’ 10 Stati Membri ġodda.

Il-limitu tat-titolu 7 għandu jinkludi l-approprijazzjonijiet għall-assistenza ta’ qabel l-adeżjoni li tikkonċerna t-Turkija. L-isem tat-titolu 7 huwa emendat sabiex jaqra “Strateġija ta’ qabel l-Adeżjoni”.

Għandu jinħoloq titolu ġdid sabiex jiddaħħlu il-kumpensi tal-baġit mifthiema fil-Kunsill Ewropew ta’ Copenhagen.

*Artikolu 2*

1. Bħala konsegwenza, l-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta’ Mejju 1999 huwa mibdul mill-perspettiv finanzjarju aġġustat bil-prezzijiet ta’ l-1999 għal Unjoni Ewropea b’25 Membru (esklużi l-implikazzjonijiet tal-baġit li jirriżultaw mill-istabbilizzar politiku f’Ċipru), kif ippreżentat fit-Tabella 1a.

Fl-eventwalita li tintlaħaq l-istabbilita politika f’Ċipru, għandu japplika l-perspettiv finanzjarju għall-Unjoni Ewropea b’25 Membru bil-prezzijiet ta’ l-1999 kif ippreżentat fit-Tabella 1b.

B’hekk, l-Anness II tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta’ Mejju 1999 jiġi bla effett.

2. Il-perspettiv finanzjarju korrispondenti, li jirriżulta mill-aġġustament tekniku għall-2004, skond il-movimenti fid-dħul nazzjonali gross (DNG), u l-prezzijiet, huma ppreżentati fit-Tabelli 2a u 2b.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta’ Mejju 2003.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| P. COX | G. PAPANDREOU |

*ANNESS*

**Tabella 1a: Il-perspettiv finanzjarju (UE-25) aġġustat għat-tkabbir, bil-prezzijiet ta' l-1999**

*(EWR million)*

| Approprijazzjonijiet ta' impenji | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. AGRIKOLTURA | 40 920 | 42 800 | 43 900 | 43 770 | 44 657 | 45 677 | 45 807 |
| 1(a) politika agrikola komuni | 36 620 | 38 480 | 39 570 | 39 430 | 38 737 | 39 602 | 39 612 |
| 1(b) Żvilupp rurali | 4 300 | 4 320 | 4 330 | 4 340 | 5 920 | 6 075 | 6 195 |
| 2. AZZJONIJIET STRUTTURALI | 32 045 | 31 455 | 30 865 | 30 285 | 35 665 | 36 502 | 37 940 |
| Fondi Strutturali | 29 430 | 28 840 | 28 250 | 27 670 | 30 533 | 31 835 | 32 608 |
| Fond ta' koeżjoni | 2 615 | 2 615 | 2 615 | 2 615 | 5 132 | 4 667 | 5 332 |
| 3. POLITIKA INTERNA | 5 930 | 6 040 | 6 150 | 6 260 | 7 877 | 8 098 | 8 212 |
| 4. AZZJONIJIET ESTERNI | 4 550 | 4 560 | 4 570 | 4 580 | 4 590 | 4 600 | 4 610 |
| 5. AMMINISTRAZZJONI ([1]) | 4 560 | 4 600 | 4 700 | 4 800 | 5 403 | 5 558 | 5 712 |
| 6. RISERVI | 900 | 900 | 650 | 400 | 400 | 400 | 400 |
| Riservi monetarji | 500 | 500 | 250 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Riservi t'għajnuna f'Emerġenza | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 |
| Riserva ta' Garanzija | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 |
| 7. GĦAJNUNA TA' QABEL L-ADEŻJONI | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 |
| L-Agrikoltura | 520 | 520 | 520 | 520 | | | |
| L-istrument strutturali ta' qabel l-adeżjoni | 1 040 | 1 040 | 1 040 | 1 040 | | | |
| Phare (pajjiżi applikanti) | 1 560 | 1 560 | 1 560 | 1 560 | | | |
| 8. KUMPENS | | | | | 1 273 | 1 173 | 940 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR L-IMPENJI | 92 025 | 93 475 | 93 955 | 93 215 | 102 985 | 105 128 | 106 741 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR IL-ĦLASIJIET | 89 600 | 91 110 | 94 220 | 94 880 | 100 800 | 101 600 | 103 840 |
| Limiti, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet bħala % tad-DNG (ESA 95) | 1,07 % | 1,08 % | 1,11 % | 1,10 % | 1,08 % | 1,06 % | 1,06 % |
| Marġini tan-nefqiet mhux mistennija | 0,17 % | 0,16 % | 0,13 % | 0,14 % | 0,16 % | 0,18 % | 0,18 % |
| Limiti fuq ir-riżorsi Tiegħu | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

([1]) In-nefqa fuq pensjonijiet inkluża taħt il-limitu għal dan it-titolu hija kkalkulata netta tal-kontrubuzzjonijiet ta' l-istaff għal skema ta' pensjoni, sa massimu ta' EWR 1 100 miljun bil-prezzijiet ta' l-1999, għall-perjodu 2000 sa 2006.

**Tabella 1b:** ***Perspettiv finanzjarju (UE-25) aġġustat għat-tkabbir bil-prezzijiet ta' l-2004***

(inklużi l-implikazzjonijiet tal-baġit, dwar l-istabbilizzar politiku f'Ċipru)

*(EWR million)*

| Approprijazzjonijiet ta' impenji | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. AGRIKOLTURA | 40 920 | 42 800 | 43 900 | 43 770 | 44 650 | 45 675 | 45 805 |
| 1(a) politika agrikola komuni | 36 620 | 38 480 | 39 570 | 39 430 | 38 740 | 39 611 | 39 622 |
| 1(b) Żvilupp rurali | 4 300 | 4 320 | 4 330 | 4 340 | 5 910 | 6 064 | 6 183 |
| 2. AZZJONIJIET STRUTTURALI | 32 045 | 31 455 | 30 865 | 30 285 | 35 718 | 36 579 | 38 052 |
| Fondi Strutturali | 29 430 | 28 840 | 28 250 | 27 670 | 30 571 | 31 899 | 32 703 |
| Fond ta' koeżjoni | 2 615 | 2 615 | 2 615 | 2 615 | 5 147 | 4 680 | 5 349 |
| 3. POLITIKA INTERNA | 5 930 | 6 040 | 6 150 | 6 260 | 7 891 | 8 112 | 8 226 |
| 4. AZZJONIJIET ESTERNI | 4 550 | 4 560 | 4 570 | 4 580 | 4 590 | 4 600 | 4 610 |
| 5. AMMINISTRAZZJONI (1) | 4 560 | 4 600 | 4 700 | 4 800 | 5 403 | 5 558 | 5 712 |
| 6. RISERVI | 900 | 900 | 650 | 400 | 400 | 400 | 400 |
| Riservi monetarji | 500 | 500 | 250 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Riservi t'għajnuna f'Emerġenza | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 |
| Riserva ta' Garanzija | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 | 200 |
| 7. GĦAJNUNA TA' QABEL L-ADEŻJONI | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 | 3 120 |
| L-Agrikoltura | 520 | 520 | 520 | 520 | | | |
| L-istrument strutturali ta' qabel l-adeżjoni | 1 040 | 1 040 | 1 040 | 1 040 | | | |
| Phare (pajjiżi applikanti) | 1 560 | 1 560 | 1 560 | 1 560 | | | |
| 8. KUMPENS | | | | | 1 273 | 1 173 | 940 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR L-IMPENJI | 92 025 | 93 475 | 93 955 | 93 215 | 103 045 | 105 218 | 106 865 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR IL-ĦLASIJIET | 89 600 | 91 110 | 94 220 | 94 880 | 100 800 | 101 600 | 103 840 |
| Limiti, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet bħala % tad-DNG (ESA 95) | 1,07 % | 1,08 % | 1,11 % | 1,10 % | 1,08 % | 1,06 % | 1,06 % |
| Marġini tan-nefqiet mhux mistennija | 0,17 % | 0,16 % | 0,13 % | 0,14 % | 0,16 % | 0,18 % | 0,18 % |
| Limiti fuq ir-riżorsi Tiegħu | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

(1) In-nefqa fuq il-pensjonijiet inklużi taħt il-limiti għal dan it-titolu hija kalkulata netta tal-kontribuzzjonijiet ta' l-istaff dwar skema ta' pensjoni, sa massimu ta' EWR 1 100 miljun bil-prezzijiet ta' l-1999 għall-perjodu 2000 sa 2006.

***Tabella 2a:Perspettiv finanzjarju* (UE-25) aġġustat għat-tkabbir bil-prezzijiet ta' l-2004**

*(EWR million)*

| Approprijazzjonijiet ta' impenji | Kurrenti | | | | | Prezzijiet 2004 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
| 1. AGRIKOLTURA | 41 738 | 44 530 | 46 587 | 47 378 | 49 305 | 50 431 | 50 575 |
| 1(a) politika agrikola komuni | 37 352 | 40 035 | 41 992 | 42 680 | 42 769 | 43 724 | 43 735 |
| 1(b) Żvilupp rurali | 4 386 | 4 495 | 4 595 | 4 698 | 6 536 | 6 707 | 6 840 |
| 2. AZZJONIJIET STRUTTURALI | 32 678 | 32 720 | 33 638 | 33 968 | 41 035 | 41 685 | 42 932 |
| Fondi Strutturali | 30 019 | 30 005 | 30 849 | 31 129 | 35 353 | 36 517 | 37 028 |
| Fond ta' koeżjoni | 2 659 | 2 715 | 2 789 | 2 839 | 5 682 | 5 168 | 5 904 |
| 3. POLITIKA INTERNA | 6 031 | 6 272 | 6 558 | 6 796 | 8 722 | 8 967 | 9 093 |
| 4. AZZJONIJIET ESTERNI | 4 627 | 4 735 | 4 873 | 4 972 | 5 082 | 5 093 | 5 104 |
| 5. AMMINISTRAZZJONI (1) | 4 638 | 4 776 | 5 012 | 5 211 | 5 983 | 6 154 | 6 325 |
| 6. RISERVI | 906 | 916 | 676 | 434 | 442 | 442 | 442 |
| Riservi monetarji | 500 | 500 | 250 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Riservi t'għajnuna f'Emerġenza | 203 | 208 | 213 | 217 | 221 | 221 | 221 |
| Riserva ta' Garanzija | 203 | 208 | 213 | 217 | 221 | 221 | 221 |
| 7. GĦAJNUNA TA' QABEL L-ADEŻJONI | 3 174 | 3 240 | 3 328 | 3 386 | 3 455 | 3 455 | 3 455 |
| L-Agrikoltura | 529 | 540 | 555 | 564 | | | |
| L-istrument strutturali ta' qabel l-adeżjoni | 1 058 | 1 080 | 1 109 | 1 129 | | | |
| Phare (pajjiżi applikanti) | 1 587 | 1 620 | 1 664 | 1 693 | | | |
| 8. KUMPENS | | | | | 1 410 | 1 299 | 1 041 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR L-IMPENJI | 93 792 | 97 189 | 100 672 | 102 145 | 115 434 | 117 526 | 118 967 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR IL-ĦLASIJIET | 91 322 | 94 730 | 100 078 | 102 767 | 111 380 | 112 260 | 114 740 |
| Limiti, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet bħala % tad-DNG (ESA 95) | 1,07 % | 1,08 % | 1,11 % | 1,09 % | 1,08 % | 1,06 % | 1,06 % |
| Marġini tan-nefqiet mhux mistennija | 0,17 % | 0,16 % | 0,13 % | 0,15 % | 0,16 % | 0,18 % | 0,18 % |
| Limiti fuq ir-riżorsi Tiegħu | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

(1) -nefqa fuq il-pensjonijiet inklużi taħt il-limiti għal dan it-titolu hija kalkulata netta tal-kontribuzzjonijiet ta' l-istaff dwar skema ta' pensjoni, sa massimu ta' EWR 1 100 miljun bil-prezzijiet ta' l-1999 għall-perjodu 2000 sa 2006.

**Tabella 2b: *Perspettiv finanzjarju* (UE-25) aġġustat għat-tkabbir bil-prezzijiet ta' l-2004**

(inklużi l-implikazzjonijiet tal-baġit, dwar l-istabbilizzar politiku f'Ċipru)

*(EWR million)*

| Approprijazzjonijiet ta' impenji | Kurrenti | | | | | Prezzijiet 2004 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
| 1. AGRIKOLTURA | 41 738 | 44 530 | 46 587 | 47 378 | 49 297 | 50 429 | 50 573 |
| 1(a) politika agrikola komuni | 37 352 | 40 035 | 41 992 | 42 680 | 42 772 | 43 734 | 43 746 |
| 1(b) Żvilupp rurali | 4 386 | 4 495 | 4 595 | 4 698 | 6 525 | 6 695 | 6 827 |
| 2. AZZJONIJIET STRUTTURALI | 32 678 | 32 720 | 33 638 | 33 968 | 41 094 | 41 770 | 43 056 |
| Fondi Strutturali | 30 019 | 30 005 | 30 849 | 31 129 | 35 395 | 36 588 | 37 133 |
| Fond ta' koeżjoni | 2 659 | 2 715 | 2 789 | 2 839 | 5 699 | 5 182 | 5 923 |
| 3. POLITIKA INTERNA | 6 031 | 6 272 | 6 558 | 6 796 | 8 737 | 8 982 | 9 108 |
| 4. AZZJONIJIET ESTERNI | 4 627 | 4 735 | 4 873 | 4 972 | 5 082 | 5 093 | 5 104 |
| 5. AMMINISTRAZZJONI ([1]) | 4 638 | 4 776 | 5 012 | 5 211 | 5 983 | 6 154 | 6 325 |
| 6. RISERVI | 906 | 916 | 676 | 434 | 442 | 442 | 442 |
| Riservi monetarji | 500 | 500 | 250 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Riservi t'għajnuna f'Emerġenza | 203 | 208 | 213 | 217 | 221 | 221 | 221 |
| Riserva ta' Garanzija | 203 | 208 | 213 | 217 | 221 | 221 | 221 |
| 7. GĦAJNUNA TA' QABEL L-ADEŻJONI | 3 174 | 3 240 | 3 328 | 3 386 | 3 455 | 3 455 | 3 455 |
| L-Agrikoltura | 529 | 540 | 555 | 564 | | | |
| L-istrument strutturali ta' qabel l-adeżjoni | 1 058 | 1 080 | 1 109 | 1 129 | | | |
| Phare (pajjiżi applikanti) | 1 587 | 1 620 | 1 664 | 1 693 | | | |
| 8. KUMPENS | | | | | 1 410 | 1 299 | 1 041 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR L-IMPENJI | 93 792 | 97 189 | 100 672 | 102 145 | 115 500 | 117 624 | 119 104 |
| APPROPRIJAZZJONIJIET TOTALI DWAR IL-ĦLASIJIET | 91 322 | 94 730 | 100 078 | 102 767 | 111 380 | 112 260 | 114 740 |
| Limiti, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet bħala % tad-DNG (ESA 95) | 1,07 % | 1,08 % | 1,11 % | 1,09 % | 1,08 % | 1,06 % | 1,06 % |
| Marġini tan-nefqiet mhux mistennija | 0,17 % | 0,16 % | 0,13 % | 0,15 % | 0,16 % | 0,18 % | 0,18 % |
| Limiti fuq ir-riżorsi Tiegħu | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

([1]) In-nefqa fuq il-pensjonijiet inklużi taħt il-limiti għal dan it-titolu hija kalkulata netta tal-kontribuzzjonijiet ta' l-istaff dwar skema ta' pensjoni, sa massimu ta' EWR 1 100 miljun bil-prezzijiet ta' l-1999 għall-perjodu 2000 sa 2006.